**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Karta ta' l-Għalliem/a

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehem mis-Smigħ

**Riżorsi:**
**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • se tinqralhom l-istorja ***"Ħarġa Edukattiva".***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzoni waqt dan il-qari.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqraw il-mistoqsijet mogħtija waqt li l-għalliem/a j/taqrahomlhom għal darba. | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **(3 minuti)** |

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Karta ta' l-Għalliem/a

## Ħarġa Edukattiva

1. Jiena Marija Borg. Illum se nirrakkontalkom avventura li għaddejt minnha xahar ilu, jiġifieri f'Jannar.

2. Wara l-vaganzi tal-Milied, il-klassi tiegħi u klassi oħra mill-iskola tagħna morna l-Buskett biex nistudjaw fuq in-natura.

3. Morna bil-prajvit u ħallasna ħamsa u tletin ċenteżmu kull ras.

4. Għalkemm miż-Żejtun għall-Buskett hemm il-bogħod, it-triq ma rajnihiex twila għax qgħadna nitkellmu fuq kollox.

5. Wasalna b'wiċċ il-ġid. Ħadna nofs siegħa bl-arloġġ. L-għalliema tagħna spjegawlna x'kellna nagħmlu.

6. Tawna xi karti fejn kellna nimlew xi tagħrif. Wara nqsamna fi gruppi u bdejna naħdmu.

7. Kulħadd beda jikteb xi noti dwar is-siġar, il-pjanti u anki fuq l-insetti, l-għasafar, iż-żrinġijiet u ħlejjaq oħra.

8. L-għana ta' l-għasafar u d-dehra tagħhom tassew serrħulna moħħna. Konna 'l bogħod mit-tniġġis ta' l-arja u ta' l-istorbju.

9. Konna qisna fil-ġenna ta' l-art. Kulħadd kien ferħan se jtir.

10. Iżda sewwa jgħidu li x-xitan m'għandux ħalib għax f'daqqa waħda nisimgħu ħames tiri ta' senter u quddiemna waqgħet tajra mimlija demm.

11. Miskina! Ma ħelsithiex minn ħalq il-mewt. Stabtet ma' l-art f'radda ta' salib.

12. Wieħed mill-għalliema ċempel lill-pulizija minn fuq il-mowbajl u qalilhom x'kien ġara.

13. Sadanittant il-kaċċatur ġie biex jiġbor it-tajra. Malli rana dabbar rasu biex ma jinqabadx. Kien kiser il-liġi f'post protett.

14. B'xorti tajba l-pulizija waslu minnufih. Qabduh ħiereġ mill-Buskett bis-senter. Arrestawh u daħħluh fil-karozza tal-pulizija.

15. Żewġ pulizija qagħdu għassa fil-karozza mal-kaċċatur, filwaqt li s-surġent ġie jkellimna biex jitkixxef x'ġara.

16. Kellna xokk kbir. Min jibki u min imbellaħ, skantat għax ma jistax jemmen u jifhem x'ġara.

17. Is-surġent kellu qalbu taz-zokkor. Flimkien ma' l-għalliema beda jfarraġna. Wegħedna li se jittieħdu passi biex min kiser il-liġi jieħu dak li ħaqqu.

18. Fit-triq lejn l-iskola, kulħadd kien b'geddumu sa l-art. Ma stajniex insibu kliem!

19. Il-kap ta' l-iskola tgħidx kif ġab għajnejh wara widnejh meta sema' b'dak li ġara. Qatt ma stenna li xi ħadd jispara fid-dawl tax-xemx, f'post pubbliku u quddiem it-tfal.

20. Dakinhar filgħaxija smajna x'ġara fuq it-televixin. Ftakart f'dik it-tajra u fil-kaċċatur. Min jaf ħadhiex il-lezzjoni dak il-kaċċatur!

## Karta ta' l-Għalliem/a

**Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**
**Oqgħod attent/a l-ħin kollu.**
**Ara li tkun weġibt sewwa.**

**Agħżel l-aħjar tweġiba billi taqta' sing taħtha.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Min qed jirrakkonta? | Marija Borg<br>Lela Gatt<br>Filippa Abdilla<br>Ċensina Camilleri |
| 2. | F'liema xahar ħarġu ma' ta' l-iskola? | f'Diċembru<br>f'Jannar<br>fi Frar<br>f'Marzu |
| 3. | Kemm ħallsu kull wieħed? | għoxrin ċenteżmu<br>ħamsa u għoxrin ċenteżmu<br>tletin ċenteżmu<br>ħamsa u tletin ċenteżmu |
| 4. | Minn fejn telqu għall-Buskett? | mis-Siġġiewi<br>minn Ħaż-Żebbuġ<br>minn Ħal Safi<br>miż-Żejtun |
| 5. | Kemm ħadu biex waslu? | għaxar minuti<br>għoxrin minuta<br>tletin minuta<br>erbgħin minuta |
| 6. | X'kien xogħol it-tfal fil-Buskett? | jitilgħu mas-siġar<br>jaqbdu ż-żrinġijiet<br>jaraw it-tjur mejta<br>jiktbu t-tagħrif |
| 7. | X'setgħu raw il-Buskett? | siġar, fjuri, għasafar u tigri<br>siġar, fjuri, għasafar u ljuni<br>siġar, fjuri, għasafar u ħut<br>siġar, fjuri, għasafar u insetti |

8. It-tfal fejn kienu?

fil-Ġenna
Sant'Anton
fil-Buskett
fir-riserva ta' l-Għadira

9. Min spara fuq it-tajra?

il-kaċċatur
is-surġent
ix-xitan
il-kap ta' l-iskola

10. *Aqta' sinjal taħt is-sentenza li turik li l-kaċċatur telaq minn fuq il-post malli ra lit-tfal u l-għalliema.*

i. Malli rana dabbar rasu biex ma jinqabadx.
ii. Malli rana telaq jiġri b'nifsu maqtugħ.
iii. Malli rana startja l-karozza u telaq.
iv. Malli rana ħarab b'saqajh ma' dahru.

11. *Aqta' sinjal taħt l-idjoma li turi li s-surġent tal-pulizija kien twajjeb.*

i. b'wiċċ il-ġid
ii. fil-ġenna ta' l-art
iii. qalbu taz-zokkor
iv. f'kemm trodd salib

12. *Aqta' sinjal taħt it-tajba.*

Il-kap ta' l-iskola stagħġeb għax

i. qatt ma basar li t-tajra tmut mill-ewwel.
ii. il-pulizija arrestaw lill-kaċċatur.
iii. it-tfal ma kitbu xejn dwar il-ħarġa tagħhom.
iv. kien hemm il-kaċċa f'dak il-post protett u quddiem it-tfal.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-istudent/a**

**Isem u Kunjom: ______________________________________**

**Klassi: __________________________**

| |
|---|
| Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.<br>Oqgħod attent/a l-ħin kollu.<br>Ara li tkun weġibt sewwa. |

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)
Total: 15-il marka

**Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**
**Oqgħod attent/a l-ħin kollu.**
**Ara li tkun weġibt sewwa.**

**Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħtha.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Min qed jirrakkonta? | Marija Borg<br>Lela Gatt<br>Filippa Abdilla<br>Ċensina Camilleri |
| 2. | F'liema xahar ħarġu ma' ta' l-iskola? | f'Diċembru<br>f'Jannar<br>fi Frar<br>f'Marzu |
| 3. | Kemm ħallsu kull wieħed? | għoxrin ċenteżmu<br>ħamsa u għoxrin ċenteżmu<br>tletin ċenteżmu<br>ħamsa u tletin ċenteżmu |
| 4. | Minn fejn telqu għall-Buskett? | mis-Siġġiewi<br>minn Ħaż-Żebbuġ<br>minn Ħal Safi<br>miż-Żejtun |
| 5. | Kemm ħadu biex waslu? | għaxar minuti<br>għoxrin minuta<br>tletin minuta<br>erbgħin minuta |
| 6. | X'kien xogħol it-tfal fil-Buskett? | jitilgħu mas-siġar<br>jaqbdu ż-żrinġijiet<br>jaraw it-tjur mejta<br>jiktbu t-tagħrif |
| 7. | X'setgħu raw il-Buskett? | siġar, fjuri, għasafar u tigri<br>siġar, fjuri, għasafar u ljuni<br>siġar, fjuri, għasafar u ħut<br>siġar, fjuri, għasafar u insetti |

8. It-tfal fejn kienu?

fil-Ġenna
Sant’Anton
fil-Buskett
fir-riserva ta’ l-Għadira

9. Min spara fuq it-tajra?

il-kaċċatur
is-surġent
ix-xitan
il-kap ta’ l-iskola

10. *Aqta' sinjal taħt is-sentenza li turik li l-kaċċatur telaq minn fuq il-post malli ra lit-tfal u lill-għalliema.*

i. Malli rana dabbar rasu biex ma jinqabadx.
ii. Malli rana telaq jiġri b’nifsu maqtugħ.
iii. Malli rana startja l-karozza u telaq.
iv. Malli rana ħarab b’saqajh ma’ dahru.

11. *Aqta' sinjal taħt l-idjoma li turi li s-surġent tal-pulizija kien twajjeb.*

i. b’wiċċ il-ġid
ii. fil-ġenna ta’ l-art
iii. qalbu taz-zokkor
iv. f’kemm trodd salib

12. *Aqta' sinjal taħt it-tajba.*

Il-kap ta’ l-iskola stagħġeb għax

i. qatt ma basar li t-tajra tmut mill-ewwel.
ii. il-pulizija arrestaw lill-kaċċatur.
iii. it-tfal ma kitbu xejn dwar il-ħarġa tagħhom.
iv. kien hemm il-kaċċa f’dak il-post protett u quddiem it-tfal.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

| **IS-SITT SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Skola ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta’ l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa’ ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa’ ikteb.
- Meta tlesti, erġa’ ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista’ jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.



## A. Aqra sewwa din is-silta.
## Wara wieġeb il-mistoqsijiet.

# Maġija ta' l-Għaġeb



"Ejjew! Ejjew! Żdied ieħor mas-seba' għeġubijiet tad-dinja!" għajtet omm Garù. "Garù tiegħi hu l-aqwa saħħâr li jagħmel il-maġija." Għalkemm kienu jgħixu f'kamp taż-żingari xtaqet ixxandar din l-aħbar ma' l-erbat irjieħ.

*(par. 1)*

B'ġirja omm Garù daħlet taħt it-tinda fejn tgħix ma' binha u ma' żewġha. "Kemm jiena kburija bik, għażiż ibni. Naraw x'nagħmlu ħalli d-dinja kollha ssir taf bik," qaltlu ommu b'ferħ u b'tama liema bħalhom. It-tifel tbissem u deher li kien jaqbel ma' dik l-idea.

*(par. 2)*

Iddeċieda li jagħmel ħiltu kollha biex ma jitlifx dik il-qawwa maġika. Għalhekk ħass li għandu juri dik il-kapaċità b'maġija vera. Anke l-kelb lablabi li kellu qabel ma' dik il-fehma. Għall-bidu ftit nies kienu jmorru biex jarawh jagħmel il-maġija, iżda malli ismu deher fil-gazzetti, sar popolari. Kollha faħħru l-ħila tiegħu. Folol kbar ta' nies kienu jibqgħu b'ħalqhom miftuħ bil-meravilji li kien jagħmel.

*(par. 3)*

Is-sitwazzjoni issa kienet differenti. Kien kuntent għax ħafna nies kienu qed jiġu jarawh. B'hekk ħa r-ruħ. Il-ġenituri ta' Garù telgħu fis-seba' sema meta raw lil binhom igawdi minn dak is-suċċess. Sħabu tal-klassi kienu kburin li ħabibhom kien għamel isem għall-iskola wkoll. Il-kelb ukoll kellu biex jiftaħar għax kellu parti f'kull wirja li kien jagħmel sidu Garù. Anke l-klieb li jiġġerrew fil-kamp kienu jiftaħru bih. *(par. 4)*





Kollox mar kif xtaqet dik l-omm. Garù sar famuż. Qatt ma stqarr minn fejn ġab dik il-ħila straordinarja. Qatt ma tkabbar bih innifsu. Lil sħabu kien biss jgħidilhom, "It-talenti tagħkom użawhom biex tagħmlu l-ġid u tferrħu lil għajrkom."

*(par. 5)*

**Meħuda minn kitba bl-Ingliż ta'** ***Anna Micallef***

**Wieġeb b'sentenzi SĦAĦ.**

1. Lil min taħseb li għajtet omm Garù meta bdiet tgħid, "Ejjew! Ejjew!"?

_______________________________________________

2. Min kienu l-membri tal-familja ta' Garù?

_______________________________________________

3. Għaliex l-omm ħassitha kburija bit-tifel tagħha?

_______________________________________________

4. X'għamel Garù biex ma jitlifx il-qawwa maġika?

_______________________________________________

5. Għaliex taħseb li l-awtur jiddeskrivi lill-kelb bħala "lablabi"?

_______________________________________________

6. Meta sar tassew popolari Garù?

_______________________________________________

7. X'tellagħhom fis-seba' sema lill-ġenituri ta' Garù?

_______________________________________________

8. Meta ħa r-ruħ Garù?

_______________________________________________

9. B'min setgħu jiftaħru l-klieb?

_______________________________________________

10. Agħżel aġġettiv li jaqbel mal-karattru ta' Garù kif tifhem mill-aħħar paragrafu ta' l-istorja. Aqta' sing taħtu.

(supperv, nebbiexi, makakk, umli, stonkuż)

*(10 marki)*



## B. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Il-familja ta' Garù kienet tgħix ġo villa. | | |
| 2. Il-folol kienu jmorru jaraw lil Garù. | | |
| 3. Garù dejjem qal kif ġab il-maġija. | | |
| 4. Il-kelb kien jieħu sehem fl-atti maġiċi. | | |
| 5. Il-klieb kollha kienu jagħmlu l-maġija. | | |
| 6. Kulħadd feraħ bis-suċċess ta' Garù. | | |

*(6 marki)*

## Ċ. Agħti t-tifsira mitluba.

1. L-espressjoni ______________________________________________ (par. 1) tfisser **mad-dinja kollha**.
2. In-nom **fehma** (par. 3) u n-nom ____________________ (par. 2) jfissru l-istess.
3. Il-kelma ________________________________ (par. 3) tfisser **ħila**.
4. L-espressjoni __________________________________ (par. 3) tfisser **stagħġbu**.
5. Il-kelma ____________________ (par. 5) tfisser **il-proxxmu tagħkom**.

*(5 marki)*

## D. Żid il-verb kif jinħtieġ fil-vojt.

### L-ewwel wieħed lest.



Ġimgħa ilu fil-klassi **ħdimna** (il-verb mill-għerq **ħ-d-m**) proġett siewi. Kull fil-għodu l-għalliem kien ____________________ (il-verb mill-Mamma **qara**) silta bl-Ingliż jew bil-Malti. Aħna konna __________________ (il-verb mill-għerq **k-t-b**) xi tagħrif biex _________________ (il-verb mill-Mamma **għamel)** proġett tajjeb. Matul il-ġimgħa _____________________ (il-verb mill-għerq **b-n-j**) mudell ta' xini antik. Ħadd minna ma __________ (il-verb mill-għerq **q-t-għ**) qalbu minn biċċa xogħol bħal dik. *(5 marki)*

## E. Żid pronom mehmuż fil-vojt.

**Ara l-ewwel eżempju fil-bidu tas-silta.**



Dora għand**ha** ġeru. Kienet semmiet_______ Rex. Kull filgħodu tagħti______ jiekol ikel adattat u tisqi______ ilma frisk. Dora tħobb______ ħafna l-annimali u ma tridx tara min jaħqar______. Kulħadd jaf li Dora qalb______ tajba. Il-ġirien kollha jifirħu bi______ it-tnejn meta jaraw______ fit-triq. Waħda mara dejjem tgħid: "Dora lilna tagħti______ eżempju tajjeb. Kellu bżonn kulħadd iġib ruħ______ sew mal-ħlejjaq kollha.

*(10 marki)*

## F. Fil-paragrafu li ġej hemm xi kelmiet miktubin b'iswed skur.

**Daħħal fil-parentesi kliem ieħor li jfisser l-istess bħalhom.**



Fil-**ġranet** (__jiem____) sajfin aħna mmorru Għajn Tuffieħa. Aħna l-istudenti nkunu bil-**vaganzi** (________________) tas-Sajf. Għalhekk kif naslu mmorru nsibu xi post għad-dell **viċin** (________________) il-bajja. Ma tantx insibu malajr xi **lok** (________________) għall-kenn jekk ma naħsbux kmieni. Xi kultant ma nsibux nipparkjaw il-karozza għad-dell u jkollna ndaħħluha f'xi **mogħdija** (________________) qalb l-għelieqi. Tassew li nieħdu **pjaċir** (________________) f'dan iż-żmien tas-sena!

*(5 marki)*

## Ġ. Imla l-vojt tas-sentenzi bl-għadd imtenni.

(________________) **(ġimgħa)** ilu fl-iskola tagħna kellna Jum il-Premjazzjoni. Din l-attività ħadet (________________) **(siegħa).** Ħadt gost u għoġbuni ħafna l- (________________) **(kelma)** sbieħ tal-kap ta' l-iskola tagħna. Kien l-aħħar diskors tagħha. Wara (________________) **(sena)** ħidma fl-iskola tagħna, kien wasal iż-żmien li toħroġ bil-pensjoni. Fl-aħħar tad-diskors tagħha, id-direttur taha tifkira tal-ħidma tagħha.



*(4 marki)*

## G. Aqra dan it-tagħrif dwar it-Tabib Borġ. Wara agħżel it-tajba mill-parentesi billi taqta' sinjal taħtha.



Pawlu Borġ twieled u għex f'Ħal Xmux, raħal ċkejken 'il bogħod mill-ibliet. Meta kien għadu tifel kellu ġibda lejn ix-xogħol ta' pulizija. F'żgħożitu studja bla heda u daħal l-università biex sar tabib.

1. Pawlu Borġ (trabba, twessa', tefa', trekken) f'Ħal Xmux.
2. Ir-raħal kien (viċin, lil hinn, 'l isfel, 'il ġewwa) mill-ibliet.
3. Meta kien żgħir Pawlu kellu l- (ħażen, ħajra, ħanin, ħasda) li jsir pulizija.
4. Ix-xewqa tat- (taħdita, twelid, tfulija, tislima) bidilha meta kiber.
5. Fiż- (żerniq, żgħożija, żurżieqa, żennuna) Pawlu studja fl-università.

*(5 marki)*

## GĦ. Aqra sew din is-silta.

## Wara imla l-vojt b'kelma waħda.



Xi tliet xhur ilu ġratli waħda tinkiteb. ________________ mal-familja bil-karozza l-ġdida. Kif kont qiegħed ________________ fit-triq ewlenija li mill-Mosta ________________ għal San Pawl il-Baħar sibt ruħi f' ________________ tat-traffiku.

Kont b'seba' ________________ miexi bil-mod u bil-galbu kollu. F'daqqa ________________ ħassejt theżżiża fil-ġenb fin-naħa ta' wara tal-vettura tiegħi. Sewwieq li ma jżommx ir-regoli tat-traffiku ħareġ bl-addoċċ minn triq fil-ġenb u baqa' ________________ fina. F'kemm trodd ________________ sibna ruħna fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Għalkemm il-ħsara kienet kbira mhux ħażin ma weġġa' ________________. Fuq il-post ________________ il-pulizija biex jiġbru x-xiehda.

*(10 marki)*

## Ħ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti: *(25 marka)*

1. Inti qattus jew qattusa li tgħix barra fit-triq. Qabel kont tgħix f'dar ma' familja. Meta ddejqu bik ħelsu minnek. Tkellem fuq ħajtek illum.
   *(Ikteb dwar ħajtek meta kont tgħix ġo dar, kif kont tħossok, x'ġara u kif qed tħossok illum 'il bogħod mill-ewwel dar)*



2. Imn'Alla kelli l-mowbajl!
   *(Ikteb storja jew avventura li int kellek biex turi x'ġara u għaliex il-mowbajl kien daqshekk importanti għalik)*



3. Qiegħ il-baħar mimli ħajja, teżori u tifkiriet.
*(Ikteb dwar il-ħajja f'qiegħ il-baħar, l-affarijiet u l-ħlejjaq li tista' tara. Semmi xi ħsibijiet li jgħaddu minn moħħok)*



4. Għażluk biex tkun l-ewwel Malti/Maltija li tmur fl-ispazju. Għid għaliex għażlu lilek u kif qed tipprepara għal din l-avventura.



5. Ikteb il-komponiment li jispiċċa b'dawn il-qawl: **Sewwa jgħid il-Malti, "Agħtini xortija u itfagħni l-baħar!"**

**Tmiem il-Karta**